MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-23 ta' April, 2021

Appell Inferjuri Numru 22/2019 LM

**Evan u Diana Magro**
**(bil-Karta tal-Identità numru 117676M u 212982M, rispettivament)**
*("l-appellati")*

***vs*.**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833); u Valletta Fund Management Limited (C 18603) li mit-22 ta' Novembru 2016, bdiet tissejjaħ BOV Asset Management Ltd; u La Valette Funds SICAV p.l.c. (SV1)**
*("l-appellanti")*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimati s-socjetà **Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**, is-soċjetà **BOV Asset Management Ltd (C 18603)** u s-soċjetà **La**

**Valette Funds SICAV p.l.c. (SV1)** [minn issa ʼl quddiem "l-appellanti"] mid-deċiżjoni mogħtija fl-20 ta' Frar, 2019, fil-Każ Numru 063/2018 u bl-okkju premess [minn issa ʼl quddiem "id-deċiżjoni appellata"], mill-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji [minn issa ʼI quddiem "l-Arbitru"], li permezz tagħha ddeċieda dwar l-ilment tar-rikorrenti konjuġi **Evan u Diana Magro** [**Karta tal-identita' numru 117676(M) u 212982(M) rispettivament**] [minn issa ʼl quddiem "l-appellati"], billi *ai termini* tal-paragrafu (iv) tas-subinċiż 26(3)(ċ) tal-Kap. 555 tal-Liġijiet ta' Malta ordna lis-soċjetà appellanta Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) sabiex tħallas lill-appellat is-somma ta' sebat elef, sitt mija u ħamsa u tmenin Euro u sebgħin ċenteżmu (€7,685.70), u ordna wkoll lill-appellanti La Valette Funds SICAV p.l.c., lil Bank of Valletta p.l.c., u lil BOV Asset Management Ltd (li ħadet post il-Valletta Fund Management Limited) *in solidum* bejniethom iħallsu kumpens lill-appellati s-somma ta' dsatax-il elf, seba' mija u sebgħa u ħamsin Euro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€19,757.20) għat-telf li ġarrbu, bl-imgħaxijiet legali mid-data meta l-appellati ppreżentaw l-ilment tagħhom quddiem l-Arbitru, sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż kontra s-soċjetajiet appellanti.

## <u>Fatti</u>

2. Il-fatti ta' dan il-każ huma kważi kollha identiċi għal dak tal-appell deċiż minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fis-16 ta' Diċembru, 2019, fl-ismijiet **Finco Treasury Management Limited għall-kont u benefiċċju tal-Provinċjal Maltija tal-Agostinjani et *vs.* La Valette Funds SICAV p.l.c. et** (Appell Numru 23/2018).

3. Għandu jingħad li fil-każ odjern l-appellati kienu aċċettaw l-offerta tas-soċjetà appellanta fit-3 ta' Ġunju, 2011, skont kif jirriżulta mill-kopja tal-*Form of Acceptance and Transfer* esebita *a fol.* 61 tal-atti, sabiex b'hekk huma kienu intitolati għall-ħlas tas-somma ta' erbgħa u sittin elf, sitt mija u tnejn u erbgħin Euro ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€64,642.55) wara li huma kienu investew fil-fond magħruf bħala *La Vallette Multi Manager Property Fund* [minn issa 'l quddiem "LVMMPF"] is-somma netta komplessiva ta' mija u tmintax-il elf, tmien mija u tnax-il Euro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€118,812.78) skont il-kopji tat-tliet *Contract Notes* esebiti a *fol.* 67, 73 u 79 tal-atti.

**<u>Mertu</u>**

4. L-appellati intavolaw proċeduri quddiem l-Arbitru fl-10 ta' April, 2018, kontra s-soċjetà appellanta permezz tal-preżentata ta' lment fejn irrilevaw li huma kienu investew fil-*LVMMPF,* iżda sussegwentement dan mar ħażin u huma ħadu lura s-somma ta' €91,008.16, jiġifieri ferm inqas minn dak li kienu investew. Stqarrew li l-ishma ta' dan il-fond kellhom jinbigħu lil persuni ta' esperjenza fil-qasam tal-prodotti finanzjarji u kif kienu jafu l-appellati, huma ma kellhomx din l-esperjenza. Għalhekk huma kienu qegħdin jitolbu sabiex l-appellati jiġu kkundannati jħallsuhom solidalment bejniethom id-differenza ta' €28,577.48, u dan oltre l-imgħax u dak l-ammont li seta' jiġi kkalkolat bħala telf ta' qligħ, bl-ispejjeż kontra l-istess appellati.

5. Is-soċjetajiet appellanti wieġbu għall-ilment billi eċċepixxew is-segwenti: preliminarjament (a) l-Arbitru ma kellux il-kompetenza skont il-liġi sabiex jieħu

deċiżjoni fir-rigward tal-kuntratt ta' transazzjoni bejn il-partijiet; (b) l-Arbitru ma kellux jieħu konjizzjoni tal-ilment *ai termini* tal-para. (ċ) tas-subartikolu 21(2) tal-Kap. 555 tal-Liġijiet ta' Malta stante li kienet seħħet transazzjoni; (ċ) l-Arbitru ma setax jieħu konjizzjoni tal-każ fil-konfront tas-soċjetà Bank of Valletta p.l.c. u tas-soċjetà BOV Asset Management Ltd, peress li huwa kellu s-setgħa li jittratta biss ilmenti mressqa minn "klijenti eliġibbli"; (d) dawn iż-żewġ soċjetajiet ma kinux il-leġittimi kontradditturi; (e) l-appellati kienu biegħu u ttrasferew d-drittijiet kollha tagħhom, anki dawk litiġjużi; (f) il-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 1222 u tal-artikoli 2153 u 2156 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta; (ġ) l-appellati kienu ddikjaraw li kienu *'experienced investors'* u l-investiment kien sar fuq bażi ta' "*execution only"*; (g) huma ma kienu bl-ebda mod responsabbli għall-ħlas ta' danni jew xort'oħra lill-appellati għal xi aġir allegatament illegali da parti tagħhom; u (ħ) l-ispejjeż tal-proċedura kellhom jitħallsu mill-appellat.

## <u>Is-Sentenza Appellata</u>

6. L-Arbitru wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għall-appell odjern:

> ***"Eċċezzjonijiet Preliminari***
>
> ***Eċċezzjonijiet dwar Ġurisdizzjoni***
>
> *Il-provdituri tas-servizz qajmu tlett eċċezzjonijiet dwar il-kompetenza fis-sens li l-Arbitru m'għandux jisma' dan il-każ għaliex m'għandux il-kompetenza taħt il-liġi li jiddeċiedi dwar kuntratt ta' transazzjoni bejn il-partijiet li saret* res judicata *liema kwistjoni tista' titqajjem biss quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'mod esklussiv; li*

*għalhekk l-ilment huwa wieħed frivolu u vessatorju* ai termini *tal-Artikolu 21(2)(ċ) tal-Kap. 555 u fil-konfront tal-*BOV *l-ilmentatur mhux* 'klijent eliġibbli'*.*

*L-Arbitru ser jittratta dawn l-eċċezzjonijiet dwar kompetenza flimkien.*

*L-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji ġie mwaqqaf permezz tal-Att XVI tal-2016 (Kap. 555 tal-Liġijiet ta' Malta) li stabbilixxa l-kompetenza tiegħu. Għalhekk, il-kompetenza tal-Arbitru ma tiddependix fuq ir-rieda jew ix-xewqa tal-partijiet jew il-materja li dwarha jiġi mitlub jiddeċiedi, iżda hija stabbilita fuq kriterji oġġettivi li l-legislatur deherlu li għandu jistabbilixxi.*

*Skont il-Kap. 555 tal-Liġijiet ta' Malta, (fn. 25 Art. 21(1)(b) tal-Kap. 555) l-Arbitru għandu l-kompetenza li '*jisma' lmenti skont il-funzjonijiet tiegħu taħt l-Artikolu 19 (1) fir-rigward tal-imġiba ta' provditur tas-servizzi finanzjarji*.' M'hemm l-ebda kwalifika dwar il-materja tal-ilment u l-Arbitru jista' jisma' kwalunkwe ilment imressaq minn klijent eliġibbli kontra provditur tas-servizzi finanzjarji dejjem fil-limiti tal-istess Att.*

*Dan huwa imsaħħaħ minn dak li hemm provdut fl-Artikolu 19 (1) fejn il-funzjoni primarja tal-Arbitru hija deskritta bħala dik li '*jittratta lmenti mressqa minn klijenti eliġibbli.' *L-istess, m'hemm l-ebda limitazzjoni xi jkun l-ilment imressaq sakemm jaqa' fil-parametri tal-istess Kap. 555.*

*Għalhekk, it-test tal-kompetenza huwa li min iressaq l-ilment irid ikun* 'klijent eliġibbli' *u kontra min jitressaq l-ilment irid ikun* 'provditur tas-servizzi finanzjarji' *skont id-definizzjoni tal-Kap. 555.*

'Klijent eliġibbli' *huwa definit bħala:*

'klijent li jkun konsumatur ta' provditur tas-servizzi finanzjarji, jew li lilu l-provditur tas-servizzi finanzjarji jkun offra li jipprovdi xi servizz finanzjarju, jew li talab il-provdiment ta' xi servizz finanzjarju minn provditur tas-servizzi finanzjarji.*' (fn. 26 Kap. 555, Art.2)*

*L-istess Artikolu jipprovdi li*

> '"klijent" għandu jinkludi, persuna fiżika, inkluzi s-suċċessuri tagħha fit-titolu jew mikrointrapriża.*'*

*Il-liġi tistabbilixxi wkoll min hu provditur tas-servizzi finanzjarji:*

> '"provditur tas-servizzi finanzjarji" tfisser provditur tas-servizzi finanzjarji li jkun jew li jkun ġie liċenzjat jew awtorizzat xort'oħra mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta skont l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi

Finanzjarji ta' Malta jew kull liġi oħra tas-servizzi finanzjarji, inkluż iżda mhux limitat għal servizzi ta' investiment, ibbankjar, istituzzjonijiet finanzjarji, karti ta' kreditu, pensjonijiet u assigurazzjoni…' *(fn. 27* Ibid.)

*L-ilmentaturi odjerni huma klijenti eligibbli filwaqt li l-provdituri tas-servizz huma provdituri tas-servizz skont id-definizzjoni tal-Kap. 555 fuq citat.*

*Għalhekk, il-kompetenza tal-Arbitru tieħu effett hekk kif jiġu sodisfatti dawn ir-rekwiżiti tal-liġi u, ġaladarba tiskatta din il-kompetenza, l-Arbitru mhuwiex ristrett biex jisma' ilment, tkun xi tkun il-materja u l-kwalità tiegħu, basta jkun marbut ma' xi servizz fil-qasam tas-servizzi finanzjarji u mogħti minn provditur ta' servizz li jaqa' taħt id-definizzjoni tal-liġi.*

*Il-leġislatur bl-ebda mod ma illimita l-kompetenza tal-Arbitru ħlief għal dak li jipprovdi l-istess Att. Per eżempju, l-Arbitru jista' jisma' każi li jmorru lura sal-1 ta' Mejju 2004, (u mhux aktar), u '*jista' jagħti rimedju pekunjarju għal kull ilment sa massimu ta' €250,000.*'*

*Li kieku l-leġislatur ried jillimita l-kompetenza tal-Arbitru, fiċ-ċirkostanzi li qed jgħidu l-provdituri tas-servizz, allura kieku kien jagħmel hekk, imma dan il-leġislatur m'għamlux.*

*Għalhekk l-Arbitru qed jiċħad l-eċċezzjonijiet dwar kompetenza u, ġaladarba ġie deċiż li l-ilmentaturi huma klijenti eliġibbli u jistgħu iressqu l-ilment, allura, m'hemm xejn frivolu u vessatorju fl-ilment tagħhom u ser jikkunsidrah.*

Issa l-Arbitru ser jittratta dak li qalu l-provdituri tas-servizzi finanzjarji li qed isostnu li l-każ huwa wieħed magħluq għaliex seħħet transazzjoni bejn il-partijiet liema transazzjoni għandha l-effett ta' *res judicata* bejn il-partijiet.

*U, in sostenn ta' dan, il-provditur tas-servizz jagħmel referenza għal dak li jipprovdi l-Kodiċi Ċivili.*

*M'hemm l-ebda dubju li l-provdituri tas-servizz kienu qed joffru, (taħt xi kwalità jew oħra), servizz fil-qasam tas-servizzi finanzjarji. Il-provdituri tas-servizz mhumiex kumpanniji ordinarji li daħlu f'xi kuntratt sempliċi ma' kontraent ieħor, imma l-provdituri tas-servizz huma kumpanniji li jaħdmu fil-qasam tas-servizzi finanzjarji u huma soġġetti għal skrutinju akbar, anke minn regoli* ad hoc*, li japplikaw f'dak il-qasam, dejjem biex jiġi protett l-investitur.*

*Dan ġie enfasizzat mill-MFSA fir-rapport tagħha tat-22 ta' Ġunju 2012, (fn. 28* Report on the MFSA investigation into the sales practices by Bank of Valletta p.l.c. of the La Valette Multi-Manager Property Fund), *fejn għamlitha ċara li l-BOV kien*

*suġġett għall-*guidelines *applikabbli qabel l-2007 u l-*Investment Services Rules *minn Novembru 2007.*

*M'hemm l-ebda dubju lanqas li s-servizz jikkostitwixxi kuntratt bejn konsumatur u kummerċjant u, għalhekk, japplikaw għal din ir-relazzjoni ġuridika kemm liġijiet, regoli u regolamenti prattiċi u professjonali stabbiliti u linji gwida minn awtoritajiet superviżjonali nazzjonali u tal-Unjoni Europea, u anke liġijiet u Direttivi (fn. 29 Kap. 555, Art 19(3)(ċ)) li saru biex jagħtu protezzjoni lill-konsumatur.*

*Din ir-relazzjoni ġuridika li nħolqot bejn l-ilmentaturi u l-provdituri tas-servizz m'hijiex waħda regolata esklussivament mill-Kodiċi Ċivili u fejn* si tratta *relazzjoni bejn konsumatur u kummerċjant, japplikaw il-provedimenti tal-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'din ir-relazzjoni meta jintużaw espressjonijiet mhux ġusti, il-provedimenti tal-Kap. 378 jipprevalu fuq il-Kodiċi Ċivili u l-Kodiċi tal-Kummerċ. (fn. 30 Kap. 378, Art. 47(B))*

*L-Arbitru daħal fil-fond fuq din il-kwistjoni fil-Każ Nru. 028/2016 deċiż minnu fit-23 ta' Frar 2018, (fn. 31 Link: https://financialarbiter.org.mt.en/AboutUs/Documents/Decisions/2018/KAZ%20028-2016%20-%20CAE%20vs%20Bank%20of%20Valletta%20p.l.c.%20et.pdf) u semma r-raġunijiet għalfejn ma seħħetx transazzjoni bejn il-provdituri tas-servizz u l-konsumatur.*

*L-Arbitru spjega li anke skont deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Appell, il-kunċett tal-*pacta sunt servanda *f'dawn il-każi fejn* si tratta *kuntratt bejn konsumatur u kummerċjant kellu l-limitazzjonijiet tiegħu. Spjega wkoll kif l-Offerta u l-kuntratt ta' Aċċettazzjoni saru f'ċirkustanzi fejn il-konsumatur ma kellux wisq għazla ħlief li jaċċetta din l-Offerta; u l-klawsoli tal-Offerta fil-bidu tagħha u l-klawsoli 2.9 u 3(a) tal-istess Offerta, kif ukoll kull fejn hemm li l-ilmentaturi kienu qed iċedu d-drittijiet litiġjużi tagħhom, jew li b'xi mod kienu qed iċedu kwalunkwe drittijiet li kellhom, għandhom jitqiesu klawsoli inġusti u pprojbiti u jitqiesu daqslikieku qatt ma ddaħħlu.*

*Ġaladarba dawn il-klawsoli tqiesu li m'għandhom l-ebda effett, għalhekk jitqies li ma seħħet l-ebda transazzjoni bejn l-ilmentaturi u l-provdituri tas-servizz li teskludi lill-Arbitru milli jindaga l-mertu tal-każ.*

*Peress li kif ingħad l-Arbitru daħal fil-fond fuq din il-kwistjoni, a skans ta' repetizzjoni u sabiex jittratta l-ilment kemm jista' jkun b'mod '*ekonomiku u mħaffef'*, (fn. 32 Kap. 555, Art 19(3)(d)) qiegħed jagħmel referenza għal dak li ġie deċiż minnu fil-Każ Nru. 028/2016 fit-23 ta' Frar 2018 (fn. 33 Dan il-każ jinsab fuq il-*link: *https://financialarbiter.org.mt/en/About-Us/Documents/Decisions/2018/KAZ%20028-2016%20-%20CAE%20vs%20Bank%20of%20Valletta%20plc%20et.pdf)*

*u r-raġunijiet u l-motivazzjoni li ta f'dak il-każ f'dan ir-rigward, għandhom jgħoddu wkoll għal dan il-każ.*

*Għalhekk l-Arbitru qed jiċħad l-eċċezzjonijiet dwar kompetenza u, ġaladarba ġie deċiż li l-ilmentaturi huma klijenti eliġibbli u jistgħu jressqu l-ilment, allura, m'hemm xejn frivolu u vessatorju fl-ilment tagħhom u ser jikkonsidrah.*

***Eċċezzjoni li l-BOV u l-BAM (VFM) m'humiex il-Leġittimi Kontradritturi***

*Dwar l-eċċezzjoni li l-*Bank *mhuwiex il-leġittimu kontradittur l-Arbitru m'għandux għalfejn jidħol wisq fil-fond għax jidher evidenti li kien il-*Bank *li biegħ il-prodott lill-ilmentaturi u l-ilmentaturi huma ġustifikati li jagħmlu l-ilment kontra min biegħilhom il-prodott (fn. 34 A fol. 64,70 u 76).*

*Il-Bank daħal f'obbligi kuntrattwali mal-ilmentaturi u, għalhekk, huwa evidenti li huwa l-leġittimu kontradittur. Il-*VFM *(illum* BAM), *bħala* Manager *tal-Fond, kienet u kellha, r-responsabbiltà li tieħu ħsieb l-amministrazzjoni tal-Fond u tieħu ħsieb l-investimenti tal-assi tal-Fond. Kienet il-VFM li ngaġġat lill-*Insight *bħala* Manager *diskrezzjonarju tal-portafoll tal-Fond. Għalhekk, anke kif issemma aktar 'il fuq f'din id-deċiżjoni fit-taqsima 'Sfond u Fatti Ewlenin', il-*BAM *kellha r-responsabbiltajiet tagħha bħala* Manager *tal-Fond u, għalhekk, kien hemm relazzjoni ġuridika magħha wkoll u kellha r-responsabbiltajiet tagħha xi ġġorr. L-ilmentaturi qed jallegaw fit-tieni parti tal-ilment li l-Fond ma ġiex immaniġjat sew u, għalhekk, il-*BAM *bħħala* Manager *tal-Fond kellha r-responsabbiltajiet tagħha xi ġġorr, kien hemm relazzjoni ġuridika bejnha u bejn l-ilmentaturi u hija wkoll leġittimu kontradittur."*

## <u>L-Appell</u>

7. L-appellanti ppreżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fit-12 ta' Marzu, 2019, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha, jew liema minnhom, u tiċħad it-talbiet kollha tal-ilmentaturi bl-ispejjeż tal-appell odjern u dawk tal-proċeduri arbitrali kontrihom. Is-soċjetà appellanti jgħidu li jħossu ruħhom aggravati bid-deċiżjoni appellata għaliex: (1) l-Arbitru kompletament skarta jew ma tax każ ta' numru

ta' eċċezzjonijiet u sottomissjonijiet tal-appellanti; (2) l-Arbitru ma kellu l-ebda kompetenza jiddeċiedi l-ilment; (3) l-Arbitru għamel apprezzament żbaljat tal-liġi meta ddeċieda, jekk iddeċieda, li l-ilment ma kienx frivolu u vessatorju skont il-para. (ċ) tas-subartikolu 21(2) tal-Kap. 555; (4) l-Arbitru għamel ukoll apprezzament ħażin tal-liġi u tal-fatti meta ddeċieda li jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 1222 u tal-artikoli 2153 u 2156 tal-Kap. 16; (5) l-Arbitru għamel apprezzament ħażin tal-fatti u tal-liġi meta warrab il-klawsoli kompromissorji mill-kuntratt ta' transazzjoni, iżda fl-istess ħin żamm il-kuntratt fis-seħħ; (6) l-Arbitru għamel apprezzament ħażin tal-fatti u tal-liġi meta kkunsidra jekk l-appellati kinux investituri b'esperjenza.

8. Permezz tad-digriet tagħha tad-19 ta' Ottubru, 2020, din il-Qorti fid-dawl ta' dak li jipprovdi għalih il-para. (e) tas-subartikolu 19(3) tal-Kap. 555, irrevokat *contrario imperio* d-digriet tagħha, kif diversament presjeduta, tas-26 ta' Ottubru, 2018, u ordnat l-isfilz tan-nota li kienet ġiet ippreżentata mill-appellanta fit-30 ta' Settembru, 2019, filwaqt li skartat l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni eċċepita minnha a tenur tal-para. (f) tal-Artikolu 2156 tal-Kap. 16.

9. L-appellati intavolaw ir-risposta tagħhom fid-9 ta' April, 2019, fejn talbu lil din il-Qorti, għar-raġunijiet hemm imfissra, sabiex tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż kontra l-appellati.

10. Waqt l-udjenza tas-17 ta' Frar, 2021, l-appellati ppreżentaw nota fejn iddikjaraw li huma qegħdin iċedu u jirtiraw l-ilment li kienu ressqu quddiem l-Arbitru, u għalhekk qegħdin ukoll jirrinunzjaw għall-effetti tad-deċiżjoni appellata u ddikjaraw li ma kien fadlilhom l-ebda interess fl-ilment imsemmi.

Dan filwaqt li ddikjaraw ukoll li l-partijiet ftiehmu li l-ispejjeż tal-appell odjern, u anki dawk tal-proċeduri relatati, għandhom jibqgħu bla taxxa u kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha. L-avukat difensur tal-appellanta fl-istess seduta ddikjarat li kienet qiegħda tirrimetti ruħha dwar jekk għandhiex tingħata sentenza, b'dan li kienet qiegħda taqbel li l-ispejjeż tal-proċedura odjerna għandhom jibqgħu bla taxxa.

## Decide

**Għaldaqstant din il-Qorti qegħda tastjeni li tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-appell odjern u tiddikjara li l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jibqgħu bla taxxa.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**